32004R0361

L 63/15 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 28.2.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 361/2004
tas-27 ta' Frar 2004
illi jemenda r-Regolament (KE) Nru 2497/96 illi jistipula l-proċeduri għall-applikazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur ta' l-arranġamenti stipulati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/917/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael illi jittratta l-miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u r-rimpjazzar tal-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni KE-Iżrael [1], u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2003/917/KE tistipula li jkun hemm liberaliżżazzjoni akbar fil-kummerċ tal-prodotti agrikoli fl-isfond tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Iżrael, tirrimpjazza l-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni, u partikolarment testendi l-konċessjonijiet għall-kummerċ fil-laħam tat-tjur.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2497/96 [2] għandu jiġi adattat sabiex jieħu kont tal-konċessjonijiet estiżi għall-kummerċ fil-laħam tat-tjur fl-isfond tal-Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Iżrael approvati permezz tad-Deċiżjoni 2003/917/KE.

(3) Id-Deċiżjoni 2003/917/KE kienet ġiet ippublikata biss fl-aħħar ġurnata ta' Diċembru 2003 liema data ma' tgħatx iċ-ċans illi l-operaturi japplikaw l-konċessjonijiet ġodda ta' l-importazzjoni applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004 fil-perjodi stabbiliti għall-applikazzjonijiet normali fir-Regolament (KE) Nru 2497/96, u l-perjodu għall-applikazzjonijiet tal-liċenzi taħt l-konċessjonijiet ġodda ta' l-importazzjoni għandha tiġi ffissata għall-Marzu 2004.

(4) L-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Mejju 2004, tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja għandhom iħallu lil dawk il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-kwoti tat-tariffi fis-settur tal-laħam tat-tjur imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 2497/96, taħt kondizzjonijiet ekwi ma' dawk applikabbli għall-Istati Membri attwali. Għandha għalhekk tingħata l-possibilità lill-operaturi f'dawk l-Istati li jibbenefikaw għal kollox minn dawn il-kwoti wara l-adeżjoni tagħhom.

(5) Sabiex ma' tinħoloqx distorzjoni fis-suq qabel u wara l-1 ta' Mejju 2004, il-perjodi tal-kummerċ għandhom jiġu modifikati, għas-sena 2004, mingħajr madankollu ma' jiġu modifikati l-kwantitajiet totali stipulati mid-Deċiżjoni 2003/917/KE. Huwa wkoll xieraq illi jiġu adattati l-miżuri ta' l-implimentazzjoni għar-riġward tad-data tad-dħul ta' l-applikazzjonijiet.

(6) Billi l-perjodu għall-applikazzjonijiet tal-liċenzi taħt il-konċessjonijiet ġodda ta' l-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2004 u mill-1 ta' April sat-30 ta' April 2004 jabblu, għar-raġuni tas-semplicità, il-kwantitajiet rilevanti għal kull perjodu għandhom jiġu magħquda.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 2497/96 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal Kumitat ta' ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2497/96 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-importazzjoni kollha fil-Komunità taħt l-arranġamenti stipulati fil-Protokoll 1 tal Ftehim ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u l-Iżrael tal-prodotti fi gruppi IL1 u IL2 kif imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament tiġi suġġetta għall-preżentazzjoni tal-liċenzi ta' l-importazzjoni";

2. Fl-Artikolu 2 is-sub-paragrafu segwenti jiġi miżjud:

"Madankollu, fis-sena 2004, il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu mqassma kif gej:

— 33 % fil-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April,

— 17 %fil-perjodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju,

— 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru,

— 25 % fil-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru.";

3. Fl-Artikolu 4(1) is-sub-paragrafu segwenti jiġi miżjud:

"Madankollu, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2004 u mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju 2004 l-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandhom jiġu mitfugħa rispettivament matul l-ewwel sebat ijiem ta' Marzu u ta' Mejju 2004.";

4. L-Anness I jiġi mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 346, 31.12.03, pġ. 65.

[2] ĠU L 338, 28.12.96, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1043/2001 (ĠU L 145, 31.05.01, pġ. 24).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Marzu 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Numru tal-Grupp	Numru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni (1)	Riduzzjoni tat-tariffa MFN tad-dwana (2) (%)	Kwoti tat-tariffi (tunnellati metriki)				
					1.1.-31.12.2004	1.1.-31.12.2005	1.1.-31.12.2006	1.1.-31.12.2007	u s-snin ta' wara
IL1	09.4092	0207 25	Dundjani mhumiex mqatta', iffriżati	100	1 442,0	1 484,0	1 526,0	1 568,0	1 568,0
		0207 27 10	Bċejjeċ tad-dundjani, mingħajr għadam, iffriżati						
		0207 27 30/40/50/60/70	Bċejjeċ tad-dundjani, bil-għadam magħhom, iffriżati						
IL2	09.4091	ex 0207 32	Laħam tal-papri u l-wiżż, mhux mqatta' f'biċċiet, frisk jew mkessaħ	100	515,0	530,0	545,0	560,0	560,0
		ex 0207 33	Laħam tal-papri u l-wiżż, mhux mqatta' f'biċċiet, iffriżat						
		ex 0207 35	Laħam ieħor u interjuri li jittieklu tal-papri u l-wiżż, frisk jew imkessaħ						
		ex 0207 36	Laħam ieħor u interjuri li jittieklu tal-papri u l-wiżż, iffriżat						

(1) Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-nomenklatura miftiehma, id-deskrizzjoni verbali tal-prodotti għandha tiġi kkunsidrata bħala li ma' jkollhiex ħlief valur indikattiv, bl-iskema preferenzali tiġi determinata fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-Nomenklatura Miftehma. Fejn 'l-ex' kodiċi tan-Nomenklatura Miftehma huma indikati, l-iskema preferenzali għandha tiġi determinata bl-applikazzjoni tal-kodiċi tan-Nomenklatura Miftehma u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda t-tnejn flimkien.

(2) Ir-riduzzjoni tad-dazju tapplika għat-tariffi 'ad valorem' tad-dwana u fil-kaz tal-kodiċi 0207 anke għad-dazji speċifiċi tad-dwana."